TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 163/16/F

**Teresa Muscat**

**vs**

**Crosscraft Company Ltd.**

Illum 26 t'Ottubru, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Settembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tnejn u sebgħin ewro, u disgħa w disgħin ċenteżmi (€72.99), rappreżentanti prezz ta' riparazzjoni ta' *washing machine* waqt il-perjodu tal-garanzija.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *washing machine* u wara sentejn kellha l-ħsara, u ġew biex isewwuha, u ċċarġjawha tlieta u sebgħin ewro (€73) minħabba l-fatt illi ma kinitx ħsara tas-soltu imma ħsara tal-użu.

L-intimat issottometta li l-garanzija tkopri komponenti difettużi imma mhux minħabba użu ħażin stante li t-technician sab ġebla eċċessiva mal-filament.

It-Tribunal, jinnota li l-partijiet ippruvaw jaslu għal medjazzjoni u ftehim, u ma seħħx.

It-Tribunal, jinnota li l-partijiet kienu se jaslu għal kompromess fuq figura ta' erbgħin ewro (€40) pero' din ma seħħitx.

It-Tribunal, jinnota illi huwa minnu li seta' kien hemm ġebla eċċessiva mal-filament, pero' l-*washing machine* qegħda hemm biex tintuża, u t-Tribunal, jinnota wkoll illi dan mhuwiex difett fil-magna.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' ħamsin ewro (€50), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**